

# Anniversarji

**Tagħrif miġbur minn Keith Muscat**

L-istorja tal-bniedem hija bħal dar, kull ġrajja, avvenimet jew personaġġ huma ġebla fil-bini ta' dak li jsawwarna. Ma jistax ikollok dar mingħajr pedament u kull ġebla hija mportanti biex iżżomm il-bini sħiħ u wieqaf. Għalhekk huwa tajjeb li ma ninsewx il-ġrajjiet ta' l-imgħoddi għax dawn isawwruna u jagħtuna identita.

Matul din is-sena se nkunu qed infakkru għadd ta' anniversarji marbuta mal-ġrajja ta' San Pawl il-Baħar, ma' l-Parroċċa u ma' l-Każin tal-Banda San Pawl. Huwa mpossibbli li ssemmi kollox għalhekk ħadt dawk l-anniversarji li jaħbtu b'inċidenza ta' 100 sena, 75 sena, 50 sena, 25 sena u ħames snin ilu, bl-eċċezzjoni ta xi avvenimenti importanti għall-Każin tal-Banda San Pawl li jaħbtu 60 sena ilu. It-tagħrif miġbur ikopri ġrajjiet jew personaġġi li huma mportanti għall-istorja tat-territorju li jkopri il-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar.

## 725 sena ilu....

Fl-1283, il-ġżejjer Maltin għaddew minn taħt il-ħakma tal-Anġovini (Franċiżi) għal dik Aragoniża (Spanjoli). Dan ġara wara battalja navali li seħħet fil-Port il-Kbir, fil-viċinanzi tal-Kastell Sant Anġlu. S'intendi dawk l-inħawwi ma kinux kif nafuhom illum għax ħafna mill-iżvilupp seħħ fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann. Ir-rabta' ta' dan l-avveniment mall-lokalità tagħna hi li l-flotta Aragoniża salpat mill-bajja ta' San Pawl il-Baħar biex attakkat lil dik Angovina.




## 350 sena ilu ....

Fi żmien il-Gran Mastru de Redin (1657 – 1660), il-fortifikazzjonijiet kostali ngħataw spinta kbira, speċjalment bil-bini ta' 13-il torri. Saru diversi xogħolijiet oħra, fosthom il-bini tal-Batterija tal-Mistra, fl-1658, li kienet mgħammra b'sitt kanuni. Din il-batterija kompliet tgħin biex issaħħet id-difiża tat-Tramuntana tal-ġżira.



## 300 sena ilu ....

Fl-1708 il-Knisja ta' Santa Margerita, f'Burmarrad, ġiet mogħnija b'qanpiena ġdida. Fuq din il-qanpiena nsibu x-xbiha tas-Salib u dik ta' San Publiju.

## 75 sena ilu ....

Fid-9 ta' Awissu 1933 twieled, f'San Pawl il-Baħar, l-iskular Kapuċċin, Patri Alfons

Sammut. Huwa miet f'Sydney, l-Awstralja nhar it-28 ta' Lulju 1994.

Fl-1933, il-Kappillan ta' dak iż-żmien, Formosa Kerr, insista mall-Ministeru tas-Saħħa li f'San Pawl il-Baħar ikun hemm is-servizz ta' Majjistra. Dan juri li l-lokalità kienet qed tikber u li l-Kappillan kien jagħti każ ukoll tal-ħtiġijiet temporali tal-Pawlini, apparti dawk spiritwali.



Fl-1933, l-istatwa titulari ta' Marija Addolorata ġiet immodifikata billi tneħħa anġlu mdaqqas li kien hemm fil-ġenb tal-figura Marjana. L-istatwa ġiet graffjata minn Wistin Camilleri, li ħadem ukoll sett ta' erba' puttini tal-kartapesta, li għadhom jintramaw ma l-istatwa sa llum. Ix-xogħol ta' nduratura sar minn Ġużeppi Farrugia ta' l-Imdina.

Fl-1933 beda x-xogħol fuq il-bini taċ-ċimiterju tal-lokalita. Dan tlesta u ġie nnawgurat fl-1935. Dan iċ-ċimiterju tkabbar darbtejn minn dak iż-żmien.

Fit-8 ta' Ottubru 1933 twieled f'San Pawl il-Baħar it-Tabib Louis Zammit. Huwa ħalla dan il-wied tad-dmugħ fil-21 ta' Lulju 1996. Apparti li kien tabib residenti f'San Pawl il-Baħar, it-Tabib Ħammit ppubblika għadd ta artikli f'ġurnali tal-mediċina fuq skala nazzjonali u nternazzjonali. Fost il-kotba li ppubblika nsibu *"An Atlas of Mediterranean Fish"*, *"Hazarous Mediterranean Fish"* u kollezzjoni ta' poeżiji satiriċi "Mill-Garigori ta' Moħħi". It-Tabib Zammit kellhu wkoll kollezzjoni impressjonanti ta' ħut, li kien jibbalzma huwa stess, għall-żmien twil il-kollezzjoni tiegħu kienet esebita fit-Torri Wigniacourt (San Pawl il-Baħar) u llum tinsab fil-Marine Research Centre fit-Torri San Luċjan, f'Marsascala. It-Tabib Louis Zammit kien miżżewweġ lil Beatrix nee' Fenech u għandu erbgħa t'itfal, Stanley, Pierre, Marie Louise u Antoine.

## 60 sena ilu ....

Fl-1948 il-Każin tal-Banda San Pawl ġie affiljat mal-*Malta Band Clubs Association*. Il-Banda għamlet l-ewwel servizz tagħha nhar il-25 ta' Lulju 1948, fl-okkażżjoni tal-festa ta' Marija Sultana tal-Martri u għaddiet mit-toroq prinċipali tar-raħal. Il-marċ kien beda' mill-inħawwi tax-Xemxija.

## 50 sena ilu ...

Fl-1958 fetħet f'San Pawl il-Baħar l-ewwel fergħa tas-Soċjetà tal-M.U.S.E.U.M. tas-subien. It-talba kienet saret mill-Kappillan ta' dak iż-żmien, Patri Serafin Galea OFMConv. Wara numru ta' laqgħat għall-pubbliku ġenerali, beda jsir il-katekiżmu b'mod regolari fiċ-Ċentru Parrokkjali.

## 25 sena ilu ...

Nhar l-10 ta' Frar 1983, Patri Dumink Bonello OFM. Conv., ġie onorat bil-ġieh tal-Midalja San Pawl. Din il-ġiegħ jiġi mogħti perjodikament mill-Istitut Soċjo-Kulturali San Pawl lil persuni li jkunu ddistingwew ruħhom.

Fl-istess xahar, l-Onor Ministru Alex Sciberras Trigona LLD inawgura wirja permanenti fit-Torri Wignicourt. L-Istitut Soċjo-Kulturali San Pawl ħa ħsieb it-tmexxija tat-Torri għall-diversi snin.


*Mro. Amante Attard*

Nhar it-2 ta' Mejju 1983 tħabbret il-mewt ta' Mro. Amante Attard, li sa ftit snin qabel kien is-Surmast Direttur tal-Banda San Pawl.

Fit-13 ta' Ġunju 1983 tpoġġiet l-ewwel ġebla tal-kampnar il-ġdid tal-Knisja Parrokkjali. Il-pjanta saret mill-Perit Louis Naudi B.Arch A & CE u x-xogħol tal-bini sar minn Salvu Xuereb mill-Mellieħa, mgħejjun minn Charlie Galea minn San Pawl il-Baħar.

Nhar it-3 ta' Lulju 1983 ġiet inawgurata il-Playing Field - Anton Buttiġieġ , fi Triq Parades.

Nhar l-10 ta' Lulju 1983 fil-Parroċċa kellna ż-żjara tal-kwadru devot tal-Madonna ta' Pinu.

Fl-1983 tpoġġiet xbiha mdaqqsa tal-Madonna mall-faċċata tal-Knisja Parrokkjali ta' Burmarrad. Taħt din ix-xbieha nsibu l-kliem : "Marija Omm il-Maltin".

## 5 snin ilu ....

Nhar it-13 ta' Mejju 2003 il-parroċċa ta' San Pawl il-Baħar u ta' Burmarrad organizzaw pellegrinaġġ Marjan bl-istatwa tal-Madonna ta Fatima, li beda f'Għajn Astas, għadda minn Triq Għajn Tuffieħa u baqa' sejjer sa l-Grotta tal-Madonna f'San Martin. Saret mixgħela bil-fjakkoli. Wara saret quddiesa mmexxija mill-Isqof Mons Annetto Depasquale.





Nhar il-15 ta' Settembru 2003 maltempati kbar ħakmu lill-gżejjer Maltin. F'San Pawl il-Baħar u Burmarrad dan il-maltemp inħass sewwa u għamel ħerba sħiħa

Nhar it-13 ta' Ottubru 2003, fis-Sala Alleluia, saret laqgħa għall-madwar 80 Kappillan ta' l-Ordni Franġiskan, miż-żona tal-Mediterran. Dan kien l-XXIX Convegno dei Parroci Area Intermediterrania u t-tema kienet Francesco e il sultano, una storia possibile.